# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 22

IT-TLIETA 15 TA' LULJU 2014 FIS-1.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUĠENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta no 21 li kienet saret il-bieraħ 21 ta' Lulju 2014 fis-2.00 ta' wara nofsinhar ġew approvati kif iċċirkulati u għaldaqstant dawn wara ġew iffirmati mis-Sindku Max Żammit u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is–Sindku Max Żammit fetaħ il-laqgħa u ssaqsa hekk kienx hawn xi Kunsilliera li jixtiequ jagħmlu xi domandi bħala *rising* tal-laqgħa li kienet saret il-bieraħ 14 ta' Lulju 2014 u li għalija qed issir din il-kontinwazzjoni.

2.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal li huwa ġie maħtur Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għaldaqstant id-Dipartiment se jieħu ħsieb li jinnomina Aġent Segretarju Eżekuttiv ieħor sabiex jassisti dan il-Kunsill. Is-Sur Pace qal li huwa kien se jibqa jagħti is-servizz tiegħu sakem dan l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiġi maħtur.

## 3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

3.1 Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti staqsa xi żviluppi kienu saru rigward il-wegħda tax-xogħlijiet tat-*toilets* li kellhom issiru mingħand il-Kuntratturi li kienu qed jieħdu ħsieb jagħmlu x-xogħlijiet tal-*water rain culverts* li kellhom jispiċċaw ġewwa Ta' Xbiex.

Is-Sindku Max Żammit ta' spjegazzjoni dettaljata ta' diskussjonijiet li kellu mal-Perit tal-Kuntrattur u sabiex issir xi tip ta' ftehim bil-miktub sabiex dak li l-Kuntrattur qiegħed iwwiegħed lil Kunsill issir, l-għajnuna sabiex issiru *toilets* ħdejn il-kamra li huma kienu se jagħmlu.

3.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat tkellem rigward xi alterazzjoni fuq l-istruttura tal-binja ta' fuq l-bini tal-Kunsill fejn dawn fetħu tieqa u kienu se jagħmlu bieb. Huwa qal illi kien qed jissuġġerixxi sabiex il-Kunsill jieħu parir legali ħalli jara jekk dan jistax issir peress li dan il-bieb jiġi fuq il-bitħa tal-Kunsill.

L-iskrivana tal-Kunsill Sna. Anna Micallef rat il-Kuntratt tal-post tal-Kunsill fejn qalet li hekk kif jiddeċidi l-Kunsill li jieħu parir legali din kienet se taddi koppja lil Avukat.

Is-Sindku Max Zammit qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent ħafna sabiex ma jżidx spejjeż tiegħu minħabba li kull meta jintalab xi parir dan il-parir jiswa l-flus lil Kunsill.

3.3 Il-Kunsillier Frank Roe qal illi quddiem il-MEPA se tkun qed tidher applikazzjoni mil-*private garage* għal *Class 4A Establishment*. Huwa qal sabiex il-Kunsill jara jekk issibx xi oġġezzjoni għal dan il-permit peress li l-Kunsill għandu ċans li jirrimarka sat-8 ta' Awwissu.

*3.4* Il-Kunsillier Frank Roe tkellem rigward is-siġra tal-kappar li qeda fi Triq ix-Xatt. Huwa ċempel lis-Sur Carmelo Briffa li jaħdem mad-Dipartiment u kkonferma li dawn is-siġar huma protetti. Is-Sur Carmelo Briffa qallu biex jimlew formola u jibgħathuwa l-MEPA tal-Marsa biex iġġibu in-*No Objection.*

3.5 Il-Kunsillier Frank Roe qal li huwa dar dawra ma Ta' Xbiex u għamel lista ta x'hemm bżonn issir bħal eż: tabelli, *re-painting tal-lines, general cleaning, cutting of weed*, trab, ramel, haxix.

3.6 Il-Kunsillier Frank Roe ġibed l-attenzjoni fuq Triq ix-Xatt qed jipparkjaw il-karozzi bi *silencer* f'wiċċ in-nies. Huwa qal ukoll li ħdejn il-Mamma Mia qed jipparkjaw fuq iż-żewg naħat u qed joħolqu problema tat-traffiku.

3.7 Saret diskussjoni twila rigward *Parking Bay* partikolari li saret bla permess sabiex tkun tista takkomoda lil xi persuni b'diżabilita speċjalment dawk li jużaw is-siġġu tar-roti.

Il-Kunsill għandu jiċċekja jekk din saritx skond l-ispisifikazzjonijiet meħtieġa u jrid jara jekk fejn saret hiex fil-post profizzju. Din il-*parking bay* ġiet magħmula fi Triq Sir Augustus Bartolo.

3.8 Saret diskussjoni rigward *parking bay* ta' fejn joqgħod il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti fejn din il-*parking bay* qed toħloq inkonvinjenza għat-traffiku peress li ċertu karozzi qed jipparkjaw bl-addoċċ u għaldaqstant ġie issuġġerit li din il-*parking bay* titneħħa, fl-istess ħin is-Sindku Max Zammit issuġġerixxa li jsiru żewġ *parking bays* fil-viċinanza.

3.9 Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa li l-*parking bays* li hemm ħdejn ir-rampa għandhom jiġu mibdula għal *parking* vertikali sabiex b'hekk jiżdied il-*parking* b' 25%. Saret diskussjoni ta' kif dan jista jaffetwa t-traffiku u għaldaqstant sar qbil li s-Sindku flimkien mal-Kunsilliera għandhom mmoru fuq il-post sabiex jaraw eżatt jekk jistax jiġi attent is-suġġeriment li qajjem il-Kunsillier Eugenio Muscat.

3.10 Il-Kunsill tkellem rigward is-sistema tar-*resident parking scheme* u sar qbil li din tiġi diskussa aktar tard fit-tul meta Transport Malta toħrog uffiċjalment ir-regolamenti rigward din l-iskema tal-*parking schemes.*

3.11 Is-Sindku s-Sur Max Zammit saqsa jekk konniex ħadna parir fuq l-*isticker* bl-arma tal-Kunsill li hemm mwaħħla fuq il-ħġieġ fl-entratura ta' ġewwa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal li huwa kien qara l-Kuntratt tax-xiri tal-bini tal-Kunsill u ma hemm xejn bil-miktub li jindika li l-Kunsill ma setax jwaħħal din l-*isticker*.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace kienu preżenti waqt laqgħa li saret fil-komun tal-blokka tal-Kunsill fejn ġie diskussa din l-*issue*. Huwa qal li l-Perit Noel Debattista li jieħu ħsieb il-komun ir-refera għal artiklu 15 fejn huwa interpreta li l-Kunsill ma jistax jwaħħal dawn l-*istickers*.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal li dan l-artiklu 15 m'għandu xejn x'jaqsam fit-tweħħil tal-*isticker* li hemm mwaħħla fuq ġewwa mal-ħġieġa li hemm fil-propjeta tal-Kunsill.

Ġie miftiehem illi jekk irridu l-kumitat li jieħu ħsieb il-komun, u jekk jidrilhom li verament il-Kunsill għandu jneħħi din l-*isticker* għandhom jiktbu lil Kunsill bl-Avukat u wara l-Kunsill jirrispondija lura hu bl-Avukat tagħna.

3.12 Is-Sindku Max Żammit saqsa jekk il-Kunsillier Eugenio Muscat kellux risposta fuq il-prezz tal-garaxx li kien qal waqt il-laqgħa li għaddiet li kien ġiehom flus lill-Kunsill għall-prezz ta' €500. Is-Sindku Max Zammit kien issuġġerixxa li għandna nipruvaw li jekk nikruh dan il-garaxx nikruh bil-prezz ta' €400.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hu ma xtaqx li jidħol fin-negozju imma Issuġġerixxa lill-Kunsill għandhom jiltaqgħu miegħu sabiex joffrulu l-prezz ta' €400. Il-Kunsill ikun interessat li jikru l-garaxx peress li dan il-garaxx huwa parti mil-binja tal-Kunsill.

Is-Sindku Max Żammit baqa jinsisti sabiex nippruvaw li nikkonvinċu lis-sid sabiex dan il-garaxx jikrieh lil Kunsill bl-ammont ta' €400 fis-sena.

3.13 Is-Sindku Max Żammit ta' update fuq il-meeting li kellu mil-*Housing Authority*. Huwa qal li għal dan il-meeting mac-*Chairman* tal-*Housing* kien preżenti ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Paul Pace u l-iskrivana Sna Anna Micallef.

Is-Sindku Max Żammit ta' spjegazzjoni li l-proġett li kien ssar u li kien ġie mħallas mil-UIF u mil-*housing* dan seta ġie mħallas kollu mil-*housing*. Huwa qal li l-Kunsill kien missu li dan il-proġett ġie mħallas kollu mil-fondi tal-*housing*. Għaldaqstant sar ftehim mal-*housing* li xorta għandhom issiru b' €35,000 xogħol oħra fejn dawn huwa provist li jitħallas is-sena dieħla.

Is-Sindku Max Żammit qal li huwa jixtieq jikkonsulta mar-residenti kollha tal-inħawi speċjalment tal-Blokka D1, D2, D3 u D4 sabiex jara xi bżonnijiet għandhom u x'jipproponu li l-Kunsill jista jagħmel sabiex jista jsebbaħ l-ambjent ta' madwaru.

3.14 Is-Sindku Max Żammit tkellem dwar l-għajnuna li l-Kunsill irrid jagħti l-futbol *club* rigward it-*tournament* li kien se jsir bejn il-Kunsill u l-futbol *club*. Huwa qal li għal san it-*tournament* kien hemm somma biex jinxtraw futbol *gears* li dawn jammontaw bejn €500 u €900. Il-prezz ta' €500 kien għal 30 *gear* u l-prezz ta' €900 kien għal 45 *gear*. Dan il-prezz ta' €900 huwa magħmul tal-prezz ta' €20 kull kit bil-kalzetti b'kollox. Il-Kunsill qabel li għandu jmur għal dawn il-Kits.

3.15 Is-Sindku Max Żammit qal li ċertu residenti xtaqu li l-Kunsill jerġa jorganiżża il-ġita li l-Kunsill kien għamel is-sena l-oħra għal Catania. Huwa qal li għamel diversi kuntatti sabiex jipprova jinnegozja prezz tajjeb għal din il-ġita.

Huwa qal li tkellem mal-Virtu Ferries fejn offru prezz ta' €160 u meta avviċina ċertu Kunsilli dawn qalulu li kellhom offerta ta' €147.

Is-Sindku Max Żammit qal li din il-ġita kienet se tkun inkluża fiha l-agrituriżmu bl-ikel mħallas komplut bid-deżżerta kif ukoll kienu se jsiru diversi żjarat madwar Catania. Il-prezz li jrnexilu jinnegozja kien ta' €130 prezz biss. Għaldaqstant il-Kunsill qabel u qal lil amministrazzjoni sabiex jibdew jippreparaw il-poster ħalli jirriklamaw din il-ġita li l-Kunsill qabel li ssir f'Awwissu.

3.16 Is-Sindku Max Żammit qal li saret talba lill-Kunsill sabiex rigward il-proġett tal- *water flooding* issir *exit* u l-Kunsill iddiskuta li l-aħjar din l-*exit* tkun ħdejn ir-roundabout fejn il-Kunsill għamel plakka ta' awgurazzjoni ta' dan il-proġett u wara ikun hemm l-entratura ta' *emergency exit*.

3.17 Il-Laqgħa spiċċat.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv